MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2013

Numru. 104/2010

**Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**John Mary Galea ta’ 40 sena, bin Joseph u Felicia nee’ Calleja, imwieled Pieta’ nhar it-18 ta’ Lulju 1972, residenti fil-fond numru 1, The Cottage, Triq Gibilta’, Naxxar u detentur tal-karta ta’l-identita’ numru 325072(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmi John Mary Galea li gie akkuzat talli fl-20 ta’ Novembru 2010 u fil-gimghat ta’ qabel gewwa Ghawdex u/jew f’lokalitajiet ohra f’dawn il-Gzejjer:

1. Ha jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht ir-regolamenti ta'l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta'l-Ghasafar Selvaggi, mhux skond dawn ir-regolamenti u mhux skond il-kundizzjonijiet ta' kull licenza li tinghata tahtha u dana bi ksur ta' regolament 4(1)(a) ta'l-A.L. 79 ta'l-2006 hekk kif emendat permezz ta' regolament 4(a) ta'l-A.L.39 ta'l-2007.
2. Zamm xi ghasfur, kemm haj kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur li l-kacca jew it-tehid tieghu huma projbiti taht dawn ir-regolamenti ta'l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta'l-Ghasafar Selvaggi kontra id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti meta dak l-ghasfur ma kienx gie iddikjarat u registrat mal-Awtorita kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003 u minghajr ma kien inghata l-permessi, jew ic-certifikati mill-Awtorita Kompetenti sabiex izomm dak l-ghasfur u dana bi ksur ta' regolament 4(1)(e) tal-A. L. 79 tal-2006 hekk kif emendat permezz ta' regolament 4(a) ta'l-A.L.39 ta'l-2007 u regolament 3(a) ta'l-A.L.280 ta'l-2007;
3. Zamm kull ghasfur, kemm haj kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur mhux imsemmi fl-Iskeda II jew l-Iskeda III ta' r-Regolamenti ta'l-2006 dwar il-konsevazzjoni ta'l-Ghasafar Selvaggi u meta dak l-ghasfur ma kienx ittiehed fi Stat Membru iehor fejn ikun jista' jittiehed jew jinqabad legalment taht id-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-Konservazzjoni ta'l-Ghasafar Selvaggi kif ukoll taht il-ligijiet ta' dak l-Istat Membru l-iehor u dan l-ghasfur ma kienx migjub f'Malta wara l-1 ta' Mejju 2004 u dan bi ksur tar-regolament 4(1)(f) ta'l-A.L. 79 ta'l-2006 hekk kif emendat permezz ta' regolament 4(a) ta'l-A.L.39 ta'l-2007 u regolament 3(b) ta'l-A.L.280 ta'l-2007;
4. ha jew ipprova jiehu xi ghasfur billi uza apparat tal-elettriku jew elettroniku, specjalment tisfir irrekordjat minn qabel ta' ghasafar u dan bi ksur ta' regolament 7(1)(d) ta'l-A.L.79 ta'l-2006.
5. Ha jew ipprova jiehu xi ghasfur billi uza ix-xbieki u dana bi ksur tar-regolament 7(1)(e) ta'l-A.L.79 ta'l-2006.
6. Zamm apparat u cioe' tisfir irrekordjat minn qabel ta' ghasafar u/jew xbieki, li l-uzu tieghu huwa ipprojbit taht regolament 7(1) u dana bi ksur ta' regolament 7(2) ta'l-A.L.79 ta'l-2006.

7. Ha jew ipprova jiehu xi ghasfur waqt l-istagun maghluq ghat-tehid ta’l-ghasafar kif jista’ jigi permess skond ir-regolamenti ta’l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta’l-Ghasafar Selvaggi u dan bi ksur ta’ regolament 18(1)(c) ta’l-A.L.79 ta’l-2006
8. zamm jew qafel xi ghasfur li kien f’xi gagga jew recipjent iehor li kien inqas gholi minn 250mm, inqas twil minn 250mm u inqas wiesgha minn 150mm u dana bi ksur ta’ regolament 20(a) ta’l-A.L.79 ta’l-2006.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali tal-20 ta’ April 2009 a tenur ta’l-artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Semghet il-provi;

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta illi l-pulizija kienu ircevew informazzjoni anonima illi kienet niezla vettura lejn ix-xatt ta’l-Imgarr bin-numru ta’ registrazzjoni CBF316 li kienet qed iggorr xi ghasafar. Kif dina l-vettura intlemhet fil-kju tal-vetturi jistennew sabiex jirkbu l-vapur lejn Malta, l-imputat gie imwaqqaf u saret tfittxija tal-vettura tieghu mill-Ispettur Josric Mifsud, il-PC1120 u il-PC102. Fil-vettura instabu numru kbir ta’ ghasafar fil-gageg, kif ukoll *bird caller* u *speaker* u oggetti ohra relatati mad-delizzju ta’l-insib. L-imputat ghalhekk ittiehed lejn l-ghassa tal-pulizija ghall-iktar stharrig fejn instab illi fil-pussess tieghu kellu madwar 119-il ghasfur fil-maggior parti taghhom ghasafar tal-ghana u ghasfur iehor protett mil-ligi. Dana l-ghasfur inhareg mill-imputat stess mill-gagga u hallieh itir biex b’hekk dana harab. Fuq il-post issejjhu Joseph Sultana, espert f’dana il-qasam u Environment Protection Oficer illum irtirat u Gilbert Haber Environment Protection Officer fid-Direttorat tal-Harsien ghal-Ambjent li hejjew lista tal-ghasafar li kienu fil-pussess ta’l-imputat. Inoltre Haber ha il-qisien tal-gageg li fihom kien hemm l-ghasafar, kif ukoll

ghamel rendikont ta'l-oggetti kollha elevati mill-pussess ta'l-imputat u li huma relatati mal-insib.

Illi l-imputat ma jixhidx f'dawn il-proceduri, izda fl-istqarrija rilaxxjata minnu ighid illi huwa ghandu id-delizzju ta'l-insib u kien jitla' Ghawdex meta ikun hemm l-istagun miftuh sabiex jonsob. Fil-fatt ighid illi huwa jikri appartament gewwa Ghawdex minn ghand certu Kelina Mintoff u li kien ilu Ghawdex madwar xahar. Ighid illi huwa kien jonsob ghall-imlievezz, izda kienu gew xi ghasafar tal-ghana u huwa kien qabadhom ukoll. Ighid illi uhud mill-ghasafar kien gabhom mieghu minn Malta ghax ma kellux min jiehu hisebhom u jitmaghhom. Ighid ukoll illi kien hemm gabjetti li kellhom anke tlett ghasafar fihom ghaliex dawn juzahom biss ghat-trasport taghhom.[1]

Illi fil-kors tal-kawza id-difiza tallbet in-nomina ta' espert sabiex jigi stabbilit liema mill-ghasafar elevati u esebieti fl-atti kienu gew maqbuda recentement mill-imputat. Illi l-espert Robert Azzopardi ipprezenta r-relazzjoni tieghu fejn jikkonkludi illi mill-ezamijiet li saru minnu, hamsin ghasfur kienu jidhru li kellhom iktar minn sena filwaqt illi 58 ohra kienu sbieh bhal dawk tal-passa, madanakollu ighid illi qatt ma jista' ighid fi zgur li gew maqbuda recentement, u dana "**ghax jekk l-ghasafar jkunu mizmuma kif suppost, jigifieri, go guvi kbar barra fejn jaraw ix-xemx, jinghataw ikel tajjeb u ilma fejn jinhaslu, il-kwalita' tar-rixa tkun sabiha bhal dik tal-ghasafar tal-passa.**"[2]

Illi kif diga inghad l-imputat ma jixhidx u ma iressaqx provi. Fl-istqarrija tieghu huwa jammetti illi kien qatta' xahar Ghawdex jipprattika d-delizju tiehu tal-insib, u nasab biss ghal-imlievezz. Ghar-rigward tal-ghasafar tal-ghana ighid illi huwa gabhom mieghu Ghawdex ghax ma kellux min jiehu hsiebhom u ghar-rigward tal-ghasfur maghruf bhala Cirl Bunting ighid illi dana ilu zmen twil ghandu.

[1] Ara stqarrija Dokument A a fol.8
[2] Ara rapport Dokument RA a fol.53

Illi l-Qorti tistqarr illi lill-imputat ma temmnux. Konvenjentement ighid illi nasab biss ghall-imlievezz u li l-ghasafar l-ohra, li l-insib taghhom huwa ipprojbit, ighid illi kienu ghandu u telaghhom mieghu Ghawdex ghax ma kellux min jiehu hsiebhom. Izid ighid illi izommhom gewwa gabjetti zghar ghar-ragunijiet biss ta' trasport. Illi l-pulizija elevaw diversi oggetti mill-pussess ta'l-imputat kollha konnessi mad-delizzju tieghu ta'l-insib. Jidher illi l-imputat kien armat sa snienu bl-apparat kollu kemm legali kif ukoll illegali sabiex huwa ikun jista' jonsob u jaqbad kemm jista'. Fil-fatt in-numru ta' ghasafar tal-ghana li instabu fil-pussess ta'l-imputat kien konsiderevoli meta imqabbel man-numru ta'imlievezz li instabu fil-pussess tieghu li kienu biss sebgha. It-tezi ta'l-imputat, allura, illi huwa qaghad jittrasporta mal-mitt ghasfur mieghu ghax ma kellux min jiehu hsiebhom hija ghal kollox inveritjiera. Inoltre fl-appartament fejn saret it-tfittxija u fejn l-imputat ighid illi huwa jirrisjedi matul il-permanenza tieghu gewwa Ghawdex, ma instabu l-ebda guvi fejn huwa ikun jista' izomm l-ghasafar fil-kundizzjoni illi isemmi l-espert Robert Azzopardi. Huwa ghalhekk inverosimili illi l-imputat zamm dawn l-ghasafar tal-ghana fil-gabjetti zghar kif instabu, uhud minnhom b'iktar minn ghasfur wiehed gewwa gagga, ghal xahar shih minghajr ma imutu! Il-Qorti osservat dawn l-ghasafar hija stess meta gew esebieti l-Qorti, fejn setghet tikkonstata illi uhud minnhom kienu aggitati ferm tant illi anke matul is-smigh tal-kawza kien hemm minnhom li mietu. Finalment il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax illi l-imputat konvenjentement ukoll, harrab appozitament l-ghasfur li huwa protett bil-ligi u cioe' dak imsejjah Cirl Bunting. Ighid Joseph Sultana illi meta gibed l-attenzjoni ta'l-imputat ghal dana il-fatt u indikalu liema wiehed hu dan l-ghasfur, l-imputat qabad fetah il-gagga, hareg l-ghasfur u qallu "Dan hu?", fetah idu u l-ghasfur tar.[3]

Illi x-xhud Gilbert Haber li acceda gewwa l-ghassa tal-pulizija dak in-nhar illi l-ghasafar gew misjuba fil-pussess ta'l-imputat, jindika illi kien hemm seba speci differenti u

[3] Ara xhieda ta' Joseph Sultana a fol. 25

cioe' wiehed u tletin (31) sponsun, sitt (6) apparrelli, sittax-il (16) verdun, zewg gardelli, ekru, hamsa u sittin (56) gojjin, u sebgha (7) imlievezz, b'kollox mija u dsatax. L-istess xhud ighid illi uhud minn dawn l-ghasfar kienu imbragati u cioe' kellhom *harness* sabiex jintuzaw halli jattiraw ghasafar ohra waqt li ikun qed isir l-insib. Fil-fatt dina l-*harness* hija murija fir-ritratt esebiet a fol. 42 ta'l-atti. Ighid ukoll illi l-ebda wiehed mill-ghasafar ma kien libes curkett u ghalhekk jindika illi dawn mhumiex *captive bred* u kwindi inqabbdu mis-selvagg. Illi kif diga inghad dan setghet tikkonstatah il-Qorti ukoll illi kellha dawn l-ghasafar kollha fl-awla matul l-ewwel smigh.

Illi fir-rigward tal-gabjetti li fihom kienu qed jinzammu l-ghasafar ma hemmx dubbju illi uhud minnhom kienu zghar hafna u kienu qed jospitaw iktar minn ghasfur wiehed. Gilbert Haber kejjel dawn il-gabjetti kif jidher mir-ritratt esebit a fol.43 minn fejn jirrizulta illi il-qisien taghhom huwa icken minn dak permess fil-ligi. Illi fil-pussess ta'l-imputat instabu ukoll *bird caller* u *battery*, esebieti ukoll fl-atti, li l-uzu taghhom huwa ipprojbit mil-ligi. Illi l-Qorti ma ghandhiex dubbju kif diga inghad illi l-imputat kien qieghed Ghawdex ghad-delizzju ta'l-insib u kien armat sabiex ikun jista jezercitah bl-ahjar mod, tant illi fix-xahar li kien ilu jaghmel dan, irnexxielu jaqbad qabda tajba! Illi l-istess jista' jinghad ghax-xbiek minn fejn jidher illi il-malji ta'l-istess kienu zghar iktar minn dak permess fil-ligi u dana kif jidher mir-ritratt esebiet a fol.44. Flimkien ma' dawn l-affarijiet kollha, l-imputat kellu ukoll fil-pusess tieghu hbula tal-plastic, lasktu forma ta' hbula, stikek imsejjah tat-tahrik li kollha jintuza waqt l-insib.[4]

Illi d-difiza tikkontendi illi l-Qorti ghandha tiskarta x-xhieda ta' Gilbert Haber billi dina tikkonsisti f'opinjoni li fil-kamp penali tista' tinghata biss minn espert nominat mill-Qorti u mhux minn xhud *ex parte* tal-Prosekuzzjoni. Illi l-Qorti tistqarr illi ma tistax taqbel ma din il-linja difenzjonali. Illi Gilbert Haber ghamel kostatazzjoni ta' stat ta' fatt u xejn izjed. Dak illi huwa ighid fix-xhieda tieghu ma hijiex

[4] Ara xhieda ta' Gilbert Haber u dokumenti ipprezentati minnu a fols. 28 sa 45 tal-process.

opinjoni ta’ dak li dehrlu li kien qed jara u jezamina, izda spjegazzjoni cara u dettaljata ta’ dak li kien qed jara quddiem ghajnejh. Meta huwa jelenka l-ispeci ta’l-ghasafar li kien qed jara, din ma kenitx l-opinjoni tieghu izda hija indikazzjoni biss ta’ l-ghasfur partikolari, bhal meta wiehed per ezempju jiddistingwi bejn ghamla ta’ vettura u ohra. Din mhijiex opinjoni, izda stat ta’ fatt u xejn izjed! Bhal ma hu stat ta’ fatt id-deskrizzjoni minnu maghmula tal-apparat kollu li instab fil-pussess ta’l-imputat – affarijiet li l-Qorti setghet tikkonstata *ictu oculi*. Jekk imbaghad ghasfur huwiex protett fil-ligi jew jekk l-insib u l-kacca tieghu hijiex ipprojbita hija konkluzjoni li tista’ tasal ghaliha l-Qorti b’applikazzjoni tal-ligi! Kwindi dina l-linja difenzjonali qed tigi skartata.

Ghalhekk fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti hija tal-fehma illi l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront ta’l-imputat jirrizultaw ippruvati, izda billi uhud mill-akkuzi huma komprizi u involuti f’akkuzi ohra, l-Qorti ser taghti il-piena b’applikazzjoni ta’l-artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-Qorti, izda, ma tistax tinjora l-fatt illi fil-pussess ta’l-imputat instabu numru konsiderevoli ta’ ghasafar.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat ir-Regolamenti 4(1)(a)(e)(f), 7(1)(d)(e)(2), 18(1)(c) u 20 (a) u 27(3) tal-Avviz Legali 79 ta’l-2006 kif sussegwentement emendat u ir-Regolamenti 4(a) u 14 tal-Avviz Legali 39 ta’l-2007 u ir-Regolament 3(b) tal-Avviz Legali 280 ta’l-2007 u l-artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati ta’l-akkuzi mijuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa ta’ €1000.

Inoltre l-Qorti tordna il-konfiska tad-Dokumenti FP4, FP5 u FP6, b’dan illi l-ghasafar li ghadhom hajjin id-Dokument FP6 ghandhom jibqghu mizmuma gewwa l-Ghammieri jew f’post iehor illi l-Principal Agricultural Officer jidhirlu xieraq. L-imputat qed jigi ikkundannat ukoll ihallas is-somma ta’ €150 lir-Registratur tal-Qorti u dana in konnessjoni mal-ispejjez peritali.

Finalment l-Qorti tordna s-sospensjoni tal-licenzja ta'l-imputat tal-kacca u insib ghal perijodu ta' sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------